

Brussell, 20 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11769/26

UK 149
INDEF 146
RESUA 24
ECOFIN 998
FIN 1058
BUDGET 33
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fl-assistenza għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna skont l-Artikolu 13(11) tar-Regolament (UE) 2026/467
----------	---

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-parteċipazzjoni
tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
fl-assistenza għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna
skont l-Artikolu 13(11) tar-Regolament (UE) 2026/467**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 13, il-paragrafu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13(11) tar-Regolament (UE) 2026/467, il-Kunsill jista' jadotta att ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' pajjiż terz għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna. L-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni hija soġġetta għal dak il-pajjiż terz li ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u li ma jkunx ikkonkluda ftehim mal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106². F'dak l-att ta' implimentazzjoni, il-Kunsill jiddetermina li dak il-pajjiż terz jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 13(11), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2026/467, u jispeċifika l-prodotti tad-difiża li għalihom japplika dak l-att ta' implimentazzjoni. Bħala konsegwenza, dak il-pajjiż terz huwa inkluż fost l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna għall-finijiet tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2026/467 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża speċifikati f'dak l-att ta' implimentazzjoni.
- (2) Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Mejju 2026, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (ir-“Renju Unit”) esprima l-interess tiegħu li jiġi inkluż fost l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna għall-fini tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2026/467 fir-rigward tal-prodotti tad-difiża li għandhom jiġu speċifikati f'konformità mal-Artikolu 13(11) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Renju Unit daħal fi Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża mal-Unjoni fid-19 ta' Mejju 2025.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

- (4) Fit-13 ta' Lulju 2026, l-Unjoni u r-Renju Unit iffirmaw Ftehim ta' Kontribuzzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (il-"UK") relatat mal-kontribuzzjoni għas-sussidju għall-kostijiet tat-teħid b'self skont ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (il-"Ftehim ta' Kontribuzzjoni").
- (5) Ir-Renju Unit qed jipprovdi appoġġ finanzjarju u militari sinifikanti lill-Ukrajna. Abbażi tal-informazzjoni uffiċjali kkomunikata f'dak ir-rigward, ir-Renju Unit, sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, impenja ruħu li jipprovdi appoġġ militari u finanzjarja sostanzjali lill-Ukrajna. B'mod partikolari, sa minn Frar 2022 'l hawn, ir-Renju Unit alloka sa GBP 21,8 biljun f'appoġġ għall-Ukrajna, inkluż GBP 13- il biljun f'appoġġ militari, sa GBP 5,3 biljun f'appoġġ mhux militari u limitu ta' kopertura ta' GBP 3,5 biljun f'finanzjament għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, ir-Renju Unit huwa parteċipant attiv fil-Grupp ta' Kuntatt għad-Difiża tal-Ukrajna u fl-oqfsa tal-G7 li jipprovdu appoġġ finanzjarju u militari lill-Ukrajna.

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiddetermina li r-Renju Unit jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 13(11), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2026/467 u, b'konsegwenza ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 13(11), it-tielet subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, ir-Renju Unit jitqies li huwa inkluż fost l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna għall-fini tal-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-prodotti tad-difiża speċifikati f'din id-Deċiżjoni. Din id-Deċiżjoni ma taffettwax rekwiżiti oħra ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2026/467 jew kwalunkwe kundizzjonijiet oħra stipulati f'dak ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikoli 17 u 20 tiegħu.
- (7) Meta titqies is-sitwazzjoni estremament diffiċli tas-sigurtà tal-Ukrajna, l-implikazzjonijiet tagħha għas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u għalhekk il-ħtieġa li tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha tal-Artikolu 13(11) tar-Regolament (UE) 2026/467 fir-rigward tar-Renju Unit sabiex tiġi appoġġata l-prontezza industrijali fil-qasam tad-difiża tal-Ukrajna b'rispons għall-ħtiġijiet urġenti tagħha għall-prodotti tad-difiża u sabiex jiġu rrispettati kif xieraq l-aspettattivi leġittimi, jixraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata b'mod retroattiv fir-rigward tal-attivitajiet, in-nefqu u l-miżuri li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament u relatati mal-prodotti tad-difiża speċifikati f'din id-Deċiżjoni mit-13 ta' Lulju 2026, li hija d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kontribuzzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(11), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2026/467 huma ssodisfati fir-rigward tar-Renju Unit u għalhekk, skont l-Artikolu 13(11), it-tielet subparagrafu ta' dak ir-Regolament, ir-Renju Unit jitqies li huwa inkluż fost l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ukrajna għall-fini tal-Artikolu 13(4) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-prodotti tad-difiża speċifikati fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni għal attivitajiet, nefqiet u miżuri li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal attivitajiet, nefqiet u miżuri appoġġati skont ir-Regolament (UE) 2026/467 u relatati ma' prodotti tad-difiża li jappartjenu għal waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- (a) kategorija wieħed: munizzjon u missili; sistemi tal-artillerija, inklużi kapaċitajiet ta' attakki profondi bi preċiżjoni; kapaċitajiet ta' kumbattiment fuq l-art u s-sistemi ta' appoġġ tagħhom, inkluż tagħmir tas-soldati u armi tal-infanterija; droni żgħar (il-klassi 1 tan-NATO) u sistemi kontra d-droni relatati; protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi; ċiberspazju; u l-mobbiltà militari inkluż il-kontromobbiltà;

- (b) kategorija tnejn: sistemi ta' difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili; kapaċitajiet marittimi tal-wiċċ u ta' taħt l-ilma; droni għajr id-droni żgħar (il-klassijiet 2 u 3 tan-NATO) u sistemi kontra d-droni relatati; faċilitaturi strateġiċi bħal, iżda mhux limitati għal, trasport bl-ajru strateġiku, riforniment ta' fjuwil fl-ajru, sistemi C4ISTAR kif ukoll assi u servizzi spazjali; protezzjoni tal-assi spazjali; intelliġenza artifiċjali u gwerra elettronika.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika fir-rigward tal-attivitajiet, in-nefġiet u l-miżuri li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2026/467 u relatati mal-prodotti tad-difiża speċifikati fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni mit-13 ta' Lulju 2026.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President